MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2347/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Doris D'Amato**

**vs**

**Francesca Camilleri, Samuel Camilleri, Sharon Camilleri u Mary Falzon**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-14 ta' Dicembru, 2004 fejn jinghad li l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tal-atturi fis-somma ta' elf mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm1124.42), u dana in kwantu ghas-somma ta' Lm1047.92 lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm101.50 lill-attrici Doris D'Amato rappresentanti Danni li sofrew, meta l-konvenuti jew min minnhom fit-8 ta' Gunju, 2003 gewwa Hal Qormi deliberatament u**

**minghajr l-ebda raguni valida kkagunaw hsarat fuq il-vettura Ford Ka numru ta' registrazzjoni EBH-028 (gja EYS-505) proprjeta` ta' Doris D'Amato, liema vettura kienet meta sehh dan l-incident assikurata taht polza comprehensive mas-socjeta` attrici, u billi saret claim hija kella taghmel tajjeb ghad-danni subiti fil-vettura. Dan l-incident huma ghalih unikament responsabbli l-konvenuti jew min minnhom u dank if sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' l-ittra ufficjali datata 27 ta' Mejju, 2004, kontra l-konvenuti u bl-imghax kontra l-istess konvenuti mid-data ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Mejju, 2004 li gew ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fil-25 ta' Jannar, 2005, fejn intqal:**
**1. Illi t-talba tas-socjeta` attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici. Illi di piu` u minghajr pregudizzju, diga saru trattattivi bejn il-konsulenti legali rispettivi sabiex il-partijiet jaslu ghal arrangament bonarju. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju, hemm proceduri kriminali pendenti rigward il-kaz de quo illi jistghu jinkriminaw lill-konvenuti bix-xhieda moghtija minnhom quddiem dan it-Tribunal.**
**2. Ghaldaqstant, it-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront tal-konvenuti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta` attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Doris D'Amato, Spettur Chris Galea Scannura, Anthony Camilleri, Samuel Camilleri u l-Ex PS Joseph Mangani. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda Danni volontarji kagunati fil-vattura tal-attrici, li hi Ford Ka bin-numru EBH-028. Ex admissis gie dikjarat fir-risposta illi saru trattattivi**

**bejn il-konsulenti legali rispettivi sabiex il-partijiet jaslu ghal arrangament bonarju.**

**2. Dwar dak li gara, l-attrici spjegat li fit-8 ta' Gunju, 2003, Anthony Camilleri li dak iz-zmien kien il-« partner » taghha kien talabha isselfu xi flus, u hi hekk ghamlet bi ftehim mal-istess Anthony. Il-flus riedhom biex jittrasferixxi lid-defunt ibnu minn qabar komuni ghall-qabar partikolari. Dan it-trasferminet kien ser isir fid-9 ta' Gunju, skond ftehim bejn l-istess Anthony u marthu Frances. Sammy Camilleri kien avza lil Anthony Camilleri li kien ser jinqala l-inkwiet. Dak in-nhar li kellu jsir it-trasferiment tad-defunt, marru hi u Anthony Camilleri bil-karrozza taghha. Meta daret il-kantuniera sabet lil Frances Camilleri, Mary Falzon, Sammy Camilleri, Sharon Camilleri u l-gharus taghha. Kien hemm ukoll il-Kummissjonant b'marthu u t-tfal. Spjegat li semghat hafna ghajjat u baqghet sejra meta cemplila Sammy Camilleri biex jara l-ghala ma waqfitx.**

**3. Ghalhekk reget daret. U marret hdejhom, meta Frances Camilleri taghat daqqa fuq il-karrozza. Sammy Camilleri dahal parti fil-karrozza u allegatament beda jaghtiha b'hadida. Mary Falzon bdiet tigbidha minn xagharha, u bdew jaghtu fuq il-karrozza. Tghid li Sammy Camillleri kisser il-windscreen ta' wara u ta daqqiet fuq il-bibien, fuq il-bonnett u fuq is-saqaf.**

**4. Skond l-Ispettur tal-Pulizija Chris Galea Scannura mill-investigazzjonijiet li ghamel irrizultalu li kienu l-konvenuti kollha li kkagunaw il-hsarat.**

**5. Anthony Camilleri jichad li Samuel camilleri ghamel xi haga, pero` jghid ukoll li kien waqalu in-nuccali u minghajru ma jarax. Ix-xhieda ta' Anthony Camilleri ma hi xejn kredibbli, u dan jimmerita li jigi censurat ghall mod kif xehed, meta jirrizulta ampjament mid-dikjarazzjoni tieghu rilazzjata lil-Pulizija li ra lil Sammy jaghti bil-hadida u jkisser il-windscreen ta' wara. (Vide Dok.CGS1).**

**6. Sammy Camileeri xehed li l-oggezzjoni taghhom kienet li tmur Doris D'Amato ghall-funeral. Daqstant l-istess xhud ma hux kredibbli meta dan jghid illi ma ra lil hadd jaghmel hsara fil-vettura tal-attrici.**

**7. It-Tribunal ma jistghax ma jirrilevax illi kien ikun ahjar li kieku ghazlu li ma jixdhux l-istess Anthony Camilleri u Samuel Camilleri, milli jixdhu il-falz, ghaliex it-Tribunal ma jista’ jaghtihom ebda affidabilita`. It-Tribunal ser jiddesisti milli jirrikorri ghall-proceduri ohra fil-konfront taghhom, kif del resto jimmeritaw, in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.**

**8. Ma hemmx dubbju li principalment jahtu ghad-danni subiti mill-attrici kienu Francesca Camilleri u Sammy Camilleri. In kwatu Sammy Camilleri kkawza aktar danni minn Francesca Camilleri, id-danni ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-terz mill-istess Francesac Camilleri u zewg terzi minn Sammy Camilleri. Ma jirrizultax li Sharon Camilleri u Mary Falzon ikkagunaw danni fil-vettura.**

**9. Dwar il-kwantum huwa minnu illi skond ir-rapport tal-pulizija a fol.55 tal-process, Doris D’Amato fit-13 ta’ Gunju, 2003 ipprezentat stima ghall-ammont ta’ tmien mija u sebgha u tmenin lira Maltija (Lm887.00). Dana huwa piuttost in linea mas-survey report esebit a fol-29 tal-process li jindika l-ammont ta’ tmien mija u tmienja u erbghin lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm848.73), u mhux inkluz is-survey fee, kif ukoll l-kiri ta’ vettura fis-somma ta’ wiehed u hamsin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm51.75),. Ma dawn hemm l-ispiza tar-rapport tal-pulizija. Ghalhekk it-Tribunal qed jillikwida d-danni fis-somma ta’ disa’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm925.48). Ghalhekk jigi li Francesca Camilleri ghandha thallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u tmein liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm308.50), filwaqt li Sammy Camilleri ghandu jhallas lill-atturi is-somma ta’ sitt mija u sittax-il lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm616.98).**

**Ghaldaqstant filwaqt illi jillibera lil Sharon Camilleri u Mary Falzon mill-osservanza tal-gudizzju, it-Tribunal qed jilqa it-talba attrici fil-konfront ta’ Francesca Camilleri u Samuel Camilleri, qed jillikwida d-danni fis-somma ta’ disa’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija**

**u tmienja u erbghin centezmu (Lm925.48), jsib lil Francesca Camilleri responsabbli ghall terz tad-danni subiti mill-atturi, u lil Samuel Camilleri responsabbli ghall-zewg terzi tad-danni subiti mill-atturi, u konsegwentement jikkundanna:**

**a. lil Francesca Camilleri thallas, lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u sebghin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm274.67), u lill-attrici s-somma ta' tlieta u tletin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm33.83); u**

**b. lil Samuel Camilleri ihallas, lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u disgha u erbghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm549.31), u lill-attrici s-somma ta' sebgha u sittin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm67.67) ;**

**Ilkoll bl-imghaxijiet dekoribbli mill-lum.**

**Tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-konvenuti Francesca Camilleri u Samuel Camilleri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------